



L-Aġjar Prattiki fit-taħriġ tal-imħallfin u l-prosekuturi

Kategorija ta' prattika: Metodoloġija ta' Taħriġ Innovattiv

Tip ta' prattika: Prattika Tajba

Pajjiż: Ir-Rumanija

April, 2014

Titlu ta' prattika	Organizzazzjoni ta' Taħriġ Deċentralizzat sabiex Jirrifletti l-Ħtiġijiet u l-Kwistjonijiet ta' Taħriġ Lokali
<i>Karatteristiċi prinċipali:</i>	<p>B'din il-prattika, iċ-ċentri ta' taħriġ l-akkademji ġudizzjarji nazzjonali għandhom l-għan li jipprovdu soluzzjoni għall-ħtiġijiet u l-kwistjonijiet ta' taħriġ lokali u/jew sabiex jagħmlu t-taħriġ wiċċ imb'wiċċ aktar aċċessibbli għall-imħallfin u l-prosekuturi li jaħdmu f'reġjuni li jinsabu kemxejn 'il bogħod mill-korp ta' taħriġ ċentrali (u b'hekk jitnaqqsu l-ispejjeż loġistiċi filwaqt li jiġi mmirat għadd potenzjalment ogħla ta' parteċipanti).</p> <p>L-approċċ normali huwa li dawn l-attivitajiet deċentralizzati jiġu inklużi fil-pjan ta' taħriġ annwali taċ-ċentru ta' taħriġ nazzjonali bħala parti minn strateġija nazzjonali globali. Madankollu, l-eżistenza ta' taħriġ indipendenti organizzat lokalment hija rikonossuta fid-diskrezzjoni tas-servizzi lokali jew il-qrati.</p> <p>Fir-Rumanija, is-seminars deċentralizzati kienu parti importanti mill-pakkett ta' taħriġ sabiex jiġi pprovdut taħriġ fuq skala kbira fuq strumenti legali ġodda. Is-seminars deċentralizzati ġew organizzati u kienu kkoordinati direttament mill-INM, fil-livell tal-qrati ta' appell u l-uffiċċji tal-prosekutur. (Ara wkoll l-iskeda informattiva "Pakkett Komprensiv sabiex Jingħata Taħriġ fuq Skala Kbira dwar Strumenti Legali ġodda" deskritta taħt l-attribut "Kurrikuli innovattivi jew pjanijiet ta' taħriġ".)</p>



<i>Detalji kuntatt istituzzjoni</i>	<i>ta' tal-</i> National Institute of Magistracy (NIM) Bd. Regina Elisabeta nr. 53, Sector 5 050019, Bucharest Romania Telefon: + 40 021 310 21 10 Faks: + 40 021 311 02 34 Posta Elettronika: office@inm-lex.ro Sit elettroniku: http://www.inm-lex.ro
<i>Kummenti oħrajn</i>	L-organizzazzjoni ta' dawn l-attivitajiet ta' taħriġ deċentralizzat hija standard ta' PRATTIKA TAJBA magħruf sew li huwa applikat f'ħafna mill-istituzzjonijiet ta' taħriġ tal-UE.

Sors: Proġett Pilota - Taħriġ Ġudizzjarju Ewropew: "Lott 1 – Studju dwar l-aħjar prattiki għat-taħriġ tal-imħallfin u l-prosekuturi", imwettaq min-Netwerk Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN)